31996D0581

8.10.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 254/59

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Ġunju 1996

dwar il-proċedura sabiex tattesta l-konformità tal-prodotti għall-bini skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttva tal-Kunsill 89/106/KEE rigward il-ġeotessuti

(innotifikati fid-dokument bin-numru C(1999) 115)

(Test b'rilevanza għaż-Żona ŻEE)

(1996/581/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru1988 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini [1], kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tagħha,

Billi bejn iż-żewġ proċeduri msemmija fl-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE dwar attestazzjoni ta' konformità ta' prodott, il-Kummissjoni jeħtiġilha li tagħżel, "il-proċedura l-inqas oneruża possibbli li tkun taqbel mas-sigurtà"; billi dan ifisser li jeħtieġ li jkun deċiż jekk, għal ċertu prodott jew familja ta' prodotti, l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika taħt ir-respnsabbiltà tal-manifattur hija kondizzjoni meħtieġa u suffiċjenti għall-attestazzjoni ta' konformità, jew, biex jitħarsu l-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), hemmx ħtieġa għalhekk ta' intervent minn korp approvat ta' ċertifikazzjoni;

Billi l-Artikolu 13(4) jeħtieġ illi l-proċedura hekk stabbilita għandha tiġi indikata fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; billi, għalhekk, huwa mixtieq li jiġi ddefinit il-kunċett tal-prodotti jew tal-familji tal-prodotti kif użati fil-mandati u fl-speċifikazzjonijiet tekniċi;

Billi ż-żewġ proċeduri provvduti fl-Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettal fl-Anness III mad-Direttiva 89/106/KEE; billi huwa għalhekk meħtieġ illi jiġu speċifikati biċ-ċar il-metodi li bihom iż-żewġ proċeduri għandhom jiġu implimentati, b'referenza għall-Anness III, dwar kull prodott jew familja ta' prodotti, ġaladarba l-Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi;

Billi l-proċedura riferita fil-punt (a) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistema ddikjarata fl-ewwel possibbiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u mat-tieni u t-tielet possibbiltajiet tal-punt (ii) tat-taqsima 2 ta' l-Anness III, u l-proċedura riferita fil-punt (b) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistema ddikjarata fil-punt (i) tat-taqsima 2 ta' l-Anness III u fl-ewwel possibbiltà, b'sorveljanza kontinwa, tal-punt (ii) tat-taqsima 2 ta' l-Anness III;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Il-prodotti u l-familji tal-prodotti ddikjarati fl-Anness I għandu jkollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li biha l-manifatturi ikollu biss taħt ir-responsabbiltà tiegħu biss sistema tal-kontroll tal-produzzjoni ġewwa l-fabbrika li tiżgura illi l-prodott jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti.

L-Artikolu 2

Il-prodotti ddikjarati fl-Anness II għandu jkollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li biha, b'żieda mas-sistema tal-kontroll tal-produzzjoni ġewwa l-fabbrika mħaddma mill-manifattur, korp approvat taċ-ċertifikazzjoni jiġi involut fl-istima u s-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

L-Artikolu 3

Il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità ddikjarata fl-Anness III għandha tiġi indikata fil-mandati għall-*istandards* armonizzati.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Ġunju 1996.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.
[2] ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

L-ANNESS I

ĠEOTESSUTI

— Il-ġeosintetiċi (membrana u tessuti), il-ġeokomposti, il-ġeorretikolati, il-ġeomembrani u l-ġeoxbiek użati fix-xogħlijiet kollha:

  — bħala saff ta' separazzjoni.

L-ANNESS II

ĠEOTESSUTI

— Il-ġeosintetiċi (membrana u tessuti), il-ġeokomposti, il-ġeoretikolati, il-ġeomembrani u l-ġeoxbiek li jridu jiġu wżati fit-toroq, il-ferroviji, is-sisien u l-ħitan, is-sistemi tad-drenaġġ, il-kontroll ta' l-erożjoni, il-ġibjuni u d-digi, il-kanali, il-mini u l-istrutturi ta' taħt l-art, id-disponiment mill-iskart likwidu jew il-konteniment tiegħu, għall-ħażna ta' l-iskart solidu jew għad-disponiment mill-iskart:

  — bħala barrieri fluwidi jew gassużi,

  — bħala saff protettiv,

  — għad-drenaġġ u l-filtrazzjoni,

  — għar-rinfurzar.

L-ANNESS III

FAMILJA TAL-PRODOTTI

ĠEOTESSUTI (1/2)

Is-Sistemi ta' l-attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott/i u l-użu/i maħsub/a elenkat/i hawn taħt, is-CEN/CENELEC huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema/i li ġejja/in ta' l-attestazzjoni tal-konformità fl-*istandard*/s stabbilit/i armonizzat/i rilevanti:

Il-Prodotti	L-Użu/i maħsub/a	Il-Livell/i jew il-Klassi/jiet (reazzjoni għan-nar)	Is-Sistema/i ta' attestazzjoni tal-konformità
Il-Ġeosintetiċi (membrana jew tessuti), il-ġeotessuti, il-ġeokomposti, il-ġeomembrani u l-ġeoxibka wżati: — bħala barrieri fluwidi jew gassużi, — bħala saff protettiv, — għad-drenaġġ u/jew il-filtrazzjoni, — għar-rinfurzar.	Fit-toroq, il-ferroviji, is-sisien u l-ħitan, is-sistemi tad-drenaġġ, il-kontroll ta' l-erożjoni, il-ġibjuni u d-digi, il-kanali, il-mini u l-istrutturi ta' taħt l-art, id-disponiment mill-iskart likwidu jew il-konteniment tiegħu, għall-ħażna ta' l-iskart solidu jew għad-diponiment mill-iskart:	—	2+ ([1])

([1]) is-sistemi 2+: Ara l-punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III mad-Direttiva 89/106/KEE, l-ewwel possibbiltà, li tinkludi ċ-ċertifikazzjoni tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika minn korp approvat fuq il-bażi tas-sorveljanza kontinwa, l-istima u l-approvazzjoni tagħha.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali illi tista' tiġi implimentata saħansitra fejn il-prestazzjoni ma teħtieġx li tiġi stabbilita għal ċerta karatteristika, għaliex mill-inqas wieħed mill-Istati Membri ma jkollu l-ebda ħtieġa legali għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn tapplika, il-klawsola 1.2.3 tad-Dokumenti ta' Interpretazzjoni). F'dawk il-każi l-verifika ta' din il-karatatterstika ma għandhiex tiġi imposta fuq il-manifattur jekk ma jkunx jixtieq li jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott f'dak ir-rigward.

FAMILJA TAL- PRODOTT

ĠEOTESSUTI (2/2)

Is-sistemi ta' l-attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott/i u l-użu/i maħsub/a elenkat/i hawn taħt, is-CEN/CENELEC huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema/i li ġejja/in ta' l-attestazzjoni tal-konformità fl-*istandard*/s stabbilit/i armonizzat/i rilevanti:

Il-Prodott/i	Użu/i maħsub/a	Il-Livell/i jew il-Klassi/jiet (ir-Reazzjoni għan-nar)	Is-Sistema/i ta' l-attestazzjoni tal-konformità
- Il-Ġeosintetiċi (membrana jew tessuti), il-ġeotessuti, il-ġeokomposti, il-ġeomembrani u l-ġeoxbiek użati: — bħala saff protettiv,	Fix-xogħlijiet kollha	—	4 ([1])

([1]) Is-Sistemi 4: Ara l-punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tielet possibbiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali illi tista' tiġi implimentata saħansitra fejn il-prestazzjoni ma jeħtieġx illi jiġi stabbilit għal ċerta karatteristika, għaliex mill-inqas wieħed mill-Istati Membri ma jkollu l-ebda ħtieġa legali għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta tapplika, il-klawsola 1.2.3 tad-Dokumenti ta' Interpretazzjoni). F'dawk il-każijiet il-verifika ta' din il-karatatterstika ma għandhiex tiġi imposta fuq il-manifattur jekk ma jkunx jixtieq li jiddikjara l-qadi tax-xogħol tal-prodott f'dak ir-rigward.